MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 414/2007

Kawza fil-lista: 8

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami**
**u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-partijiet izzewgu hawn Malta fl-20 ta’ Settembru 1983, u minn liema ghaqda kien hemm wild wiehed ta’ tifla li jisimha F C li llum hija tal-eta’;

2. Illi l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda ghamlu dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom u jew b' anomalija psikolgika serja li jaghmilha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrilevaw li ma kienux ghadhom edotti bil-fatti tal-kaz ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut assenti fl-20 ta' Settembru 1983 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Settembru 1983 meta allura, l-attrici,

cittadina maltija kellha 25 sena, u l-konvenut, cittadin sirjan, kellu 24 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin sena li fiha l-attrici harget tqila. Meta l-attrici kellha erba' xhur tqala, il-partijiet izzewwgu bir-rit civili, u fil-15 ta' Marzu 1984 twieldet it-tifla. Wara konvivenza ta' circa hdax-il sena l-partijiet isseparaw de facto.

Matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut kien izzewweg mara ohra, u skond l-attrici, wara s-separazzjoni de facto, huwa zzewweg mara ohra fil-Libja.

Illi l-attrici tispjega li nizjalment il-hajja konjugali kienet wahda piuttost normali, ghalkemm il-partijiet kienu f' pozizzjoni finanzjarja hazina, izda meta l-konvenut akkwista l-passaport malti, l-atteggjament tieghu lejn martu nbidel. Darba minnhom "gie all of a sudden id-dar, u qalilna li [kien] qieghed ma' mara ohra …. qalli li din ghandha l-flus, tista' tghinna ghax konna finanzjarjament hazin …. Qalli taf li jiena jista jkolli aktar minn mara wahda, u riedha tigi tghix maghna d-dar, u m' accettajthx ; u f' daqqa wahda beda jsawwatni".1 Minn dik l-okkazzjoni il quddiem, il-konvenut kien isawwat lill-attrici, u kien gie anke kkundannat multa mill-qrati. Sussegwentement huwa telaq mid-dar, u darba cempel lill-attrici u qallha, "jiena muslim, qalli taf li nista' nerga' nizzewweg, qalli ergajt izzewwigt il-Libja."2

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess, tal-fatti sodisfacentement provati, il-Qorti tirravviza f' dan il-kaz l-ezistenza tal-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, da parti tal-konvenut assenti li kien dahal ghal dan iz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva ta' obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja konjugali, cioe' l-obbligu tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproka, u dak tal-esklussivita' u fedelta' fiz-zwieg.

[1] Fol.26
[2] Fol.23

Dan premess kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Settembru 1983.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut, izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------